# KONVERŻJONI: DEĊIŻJONI SERJA U URĠENTI

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Eżodu.**
**Eż 36, 23-26**

F’dak iż-żmien: Mose’ kien jirgħa l-merħla ta’ ħatnu Ġetro, qassis ta’ Midjan, u ħa l-merħla ’l hemm mid-deżert, u wasal sa ħdejn Ħoreb, il-muntanja ta’ Alla. Hawn deherlu l-anġlu tal-Mulej f’ħuġġieġa nar qalb l-għolliq. Mose’ ħares u ra l-għolliq jaqbad bin-nar bla ma jintemm. Mose’ qal: “Ħa nersaq fil-ġenb u nara din id-dehra ta’ l-għaġeb għaliex mhux jinħaraq l-għolliq.’’
Il-Mulej rah riesaq fil-ġenb biex jara, u Alla sejjaħlu minn qalb il-għolliq u qallu: “Mose’, Mose’!’’ U Mose’ wieġeb: “Hawn jien!’’ U l-Mulej qallu: “La tersaqx ’l hawn. Neħħi l-qorq minn riġlejk, għax l-imkien li inti fuqu hu art qaddisa.’’ U ssokta jgħidlu: “Jien hu Alla ta’ missirijietek: Alla ta’ Abraham, Alla ta’ Iżakk u Alla ta’ Ġakob.’’ Mose’ għatta wiċċu, għax beża’ iħares lejn Alla. U l-Mulej qallu: “Jien ħarist u rajt it-tbatija tal-poplu tiegħi fl-Eġittu. U jien smajt il-karba tagħhom minħabba fl-imgħallmin tagħhom. Għaraft l-uġigħ tagħhom. Issa nżilt biex neħlishom minn idejn l-Eġizzjani u biex intellagħhom minn dik l-art u neħodhom f’art tajba u wiesgħa, f’art tnixxi ħalib u għasel.’’
Mose’ reġa’ wieġeb: “Ara, jiena mmur għand ulied Iżrael u ngħidilhom: “Alla ta’ missirijietkom bagħatni għandkom.’’ U huma jistaqsuni, “X’jismu?’ Jiena xi ngħidilhom?’’ Alla wieġbu: “JIEN LI JIEN.’’ U ssokta jgħidlu: “Hekk għidilhom lil ulied Iżrael, ‘JIEN HU bagħatni għandkom.’’’ U żied igħid Alla lil Mose’: “Dan għid lil ulied Israel: ‘Jahweh, Alla ta’ missirijietkom, Alla ta’ Abraham, Alla ta’ Iżakk, Alla ta’ Ġakob, bagħatni għandkom.’ Dan hu ismi għal dejjem u din hi t-tifkira tiegħi minn nisel għal nisel.’’

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu hajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 102**
**Ħanin u ta’ qalb tajba l-Mulej.**

Bierek, ruħ tiegħi, ’il-Mulej;
kull ma hu ġo fija, bierek l-isem qaddis tiegħu.
Bierek, ruħ tiegħi, ’il-Mulej,
u la tinsiex il-ġid kollu li għamel miegħek.

**R/. Ħanin u ta’ qalb tajba l-Mulej.**

Hu li jaħfer dnubietek kollha;
li jfejjaq il-mard tiegħek kollu;
li jifdi ’l ħajtek mill-ħofra;
li jdawrek bit-tjieba u l-ħniena.

**R/. Ħanin u ta’ qalb tajba l-Mulej.**

Il-Mulej jagħmel is-sewwa
u l-ħaqq mal-maħqurin kollha.
Hu għarraf triqatu lil Mose',
l-għemejjel tiegħu lil ulied Iżrael.

**R/. Ħanin u ta' qalb tajba l-Mulej.**

Ħanin u ta' qalb tajba l-Mulej,
idum ma jagħdab u kollu mogħdrija.
Daqs kemm huma s-smewwiet 'il fuq mill-art,
hekk hi kbira tjubitu ma' min jibża' minnu.

**R/ Ħanin u ta' qalb tajba l-Mulej.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin.**
**1Kor 10, 1-6, 10-12**

Ma rridkomx ma tkunux tafu, ħuti: li missirijietna lkoll kienu taħt id-dell ta`sħaba, u lkoll qasmu l-baħar, u lkoll kienu mgħammda bis-sħaba u l-baħar biex ikunu ma' Mose'; u lkoll kielu mill-istess ħobż spiritwali - u lkoll xorbu mill-istess xorb spiritwali: xorbu mill-blata spiritwali li kellhom warajahom, u l-blata kienet Kristu. Iżda l-biċċa l-kbira minnhom lil Alla ma għoġbuhx, u mietu mxerrda fid-deżert. Dan ġara b'eżempju għalina, biex ma nixxennqux għal ħwejjeġ ħżiena, bħalma xxenqu huma. U tgemgmux bħalma għamlu xi uħud minnhom, u qeridhom l-anġlu tal-qerda. Dan kollu seħħ b'eżempju għall-oħrajn, u nkiteb bi twiddiba għalina, għalina li qegħdin ngħixu qrib it-tmiem. Min jaħseb li hu wieqaf, iqis li ma jaqax.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**Glorja u tifħir lilek, Kristu!**
Indmu, igħid il-Mulej, għax qorbot is-Saltna tas-Smewwiet.
**Glorja u tifħir lilek, Kristu!**

**L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa.**
**Lq 13, 1-9**

F'dak iż-żmien: Ġew xi wħud għand Ġesu' u qalulu b'dawk il-Galilej li Pilatu kien ħallat demmhom ma' dak tal-vittmi tas-sagrifiċċju tagħhom. U Ġesu' qabad u qalilhom: "Taħsbu intom li dawn il-Galilej kienu iżjed midinbin mill-Galilej l-oħra biex soffrew dan kollu? Le, ngħidilkom; imma jekk ma tindmux, ilkoll tintilfu bħalhom. Jew dawk it-tmintax-il ruħ li fuqhom waqa' t-torri ta' Silwaħ u qatilhom, taħsbu intom li kienu iżjed ħatja min-nies l-oħra ta' Ġerusalem! Le, ngħidilkom; imma jekk ma tindmux, ilkoll tintilfu, xorta waħda.''
U qalilhom din il-parabbola: "Wieħed kellu siġra tat-tin imħawla fil-għalqa. Mar ifittex il-frott fiha, u ma sabx. Għalhekk qal 'il dak li kien jaħdimlu l-għalqa, 'Tliet snin, ara, ili niġi nfittex il-frott f'din it-tina, u qatt ma sibtilha. Mela aqlagħha, għax għalfejn se tibqa' tkidd l-art?' Iżda dak wieġeb u qallu, 'Inti ħalliha, sinjur, għal din

is-sena, sa ma nagħżqilha madwarha u nagħtiha d-demel. Id-dieħla għandha mnejn tagħmel il-frott; jekk le, aqlagħha.''

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**It-tifħir lilek Kristu.**